XEWKIJA

*MINUTI*
***KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA***
***LAQGĦA MILL-BIDU TAL-KUNSILL: NRU 432***
***IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 60***
***L-Erbgħa 26 ta' Ottubru, 2011 fis-6:00pm***
*Din il-Laqgħa kellha ssir nhar it-28 ta' Ottubru, izda minħabba impenji oħra tal-Kunsilliera kollha ġiet antiċipata għal-lum.*

*Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6:00pm*

*Preżenti:*

*Dr Monica Vella – Sindku*

*Mr Joseph Vella – Viċi Sindku*

*Mr. Hubert Saliba – Kunsillier*

*Mr Teddy Mizzi -- Kunsillier*

*Dr. Marthese Portelli – Kunsilliera*

---------------------------------------------------------

*Uffiċjali:*

*Mr. Carmel Grima – Aġent Segretarju Eżekuttiv*

*Intqalet it-Talba.*

1. **Post ta' Segretarju Ezekuttiv**
   L-Aġent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li l-applikazzjonijiet għall-post ta' Segretarju Ezekuttiv jagħalqu għada 27 ta' Ottubru, 2011 f'nofsinhar. Sal-lum applikaw 9 kandidati. Il-Kunsill iddikjara li jekk japplikaw sa 12, l-interviews isiru kollha nhar is-Sibt 12 ta' Novembru. Il-Kunsill qabel unanimament li l-membri tal-Bord tal-għazla jkunu s-Sindku, il-viċi Sindku u t-tliet Kunsillieri l-oħra. Għandu jkun allokat 20 minuta għal kull applikant. Is-Segretarju għandu jibgħat l-avvizi lill-applikanti.

2. **Korrispondenza:**
   Il-Korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa.

3. **Ilmenti u informazzjoni.**
   **A)** Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li d-Dawl tat-toroq lejn il-Pjazza qiegħed idum biex jixgħel sikwit. Is-Segretarju għandu jirraporta fuq dan l-ilment.

   **B)** Ġie nnotat li l-ħinijiet tal-ġbir tal-skart murija fil-website tal-Kunsill jridu jinbidlu. Is-Segretarju għandu jibdel dawn il-ħinijiet kif jidher hawn taħt:

Ħinijiet għall-ġbir ta' skart domestiku u kummerċjali t-Tnejn, L-Erbgħa, il-Ġimgħa u s-Sibt mit-8:00am 'l quddiem
Il-Ħamis ma jinġabar xejn
It-Tlieta Jinġabar il-Plastic Karta u Metall mit-8:00am 'il quddiem.

**C)** Ġie diskuss l-asfaltar ta' Triq l-Arċipriet Guzepp Grech. Il-Kunsill qabel li peress li parti minn din it-triq għadha mhix asfaltata, taqa' taħt il-Gvern Ċentrali u għalhekk il-Kunsill għandu jikteb biex din issir mill-Ministeru għal Għawdex.

**D)** Il-Kunsill għandu jikkomunika ma' Transport Malta biex ix-Xarabank terġa' tibda tgħaddi minn dawn in-naħat kif kienet qabel. Triq Canga, Pjazza Spagu, Triq Santa Marija, Triq Torri Tingi, Triq San Żakkarija, Pjazza S. Ġwann Battista.

**E)** Ktieb: Franċ Ta' L-Għarb. Is-sindku pproponiet li l-istudenti ta' Year 6 li jkunu ser iħallu l-iskola Primarja jingħataw dan il-ktieb. Il-proposta għaddiet unanimament.

**F)** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-President ta' Malta ma jistax jattendi għall-attivita tal-Comunity Chest Fund.

4. **Applikazzjoni għall-fondi dwar il-Playing Fields.** Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li l-applikazzjoni għal dawn il-fondi waslu biex jagħlqu. Is-Segretarju għandu jara x'hemm bzonn għall-applikazzjoni biex ma tintilifx.

5. **Performance Bonus tas-Segretarju Ezekuttiv Ruben Cassar.**

Is-Segretarju informa lill-Kunsill li meta jispiċċa mpjegat dan għandu jitħallas tax-xogħol li jkun għamel bil-Bonus u l-allowances kollha meta jispiċċa u mhux jistenna l-aħħar tas-sena jew l-aħħar tat-term. Għalhekk Ruben għad baqagħlu jieħu tal-Performance Bonus u l-Bonus tal-Aħħar tas-sena minn Lulju sa Settembru. Il-Kunsill qabel unanimament li Ruben jingħata l-Performance Bonus ta' għaxra fil-mija (10%) ta' bejn Jannar u Settembru 2011. Weekly Allowance ma għad baqagħlu jieħu xejn għaliex hu spiċċa ezatt fl-aħħar ta' Settembru.

6. **Signs.**
Il-Kunsill għandu jirċievi kwotazzjoni mingħand Oliver Smart Signs għal tabelli tal-avvizi biex sidien il-klieb inaddfu wara l-kelb tagħhom.

7. **Ġemellaġġ ma' Cortona**. Is-Sindku pproponiet li jsir ġemellaġġ ma' Cortona. Għandha tinġabar aktar informazzjoni.

8. **Ħlasijiet.**

Il-Kunsill approva l-ħlas ta' kontijiet kif jidhru fil-lista annessa ma' dawn il-minuti.

Il-Laqgħa ntemmet fid-9:00pm u ġiet aġġornata għat-30 ta' Novembru, 2011.

Carmelo Grima
A/Segretarju Ezekuttiv

Av. Monica Vella
Sindku